MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2010

Rikors Numru. 944/2009

**Gutenberg Press Ltd. (C-8936)**

***kontra***

**Smart Malta ICT Ltd. (C-41884)**

**Il-Qorti –**

**Rat** ir-rikors tal-kumpannija Gutenberg Press Ltd ('ir-rikorrenti') presentat fit-30 ta' Settembru 2009 li jaqra hekk –

*Illi dan ir-rikors qieghed isir a tenur tal-Artiklu 214(2)(a)(ii) tal-att dwar il-Kumpanniji bin-Numru XXV tal-1995 u fiha qieghed jintalab il-likwidazzjoni minhabba insolvenza tas-socjeta' intimata ;*

*Illi s-socjeta' rikorrenti hija kreditrici tas-socjeta' intimata u dan in forza ta' sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-*

*14 ta' Jannar 2009 [kopja annessa u markata DOK GP1] fejn is-socjeta' intimata giet ikkundannata thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' erbatax-il elf sitt mija u tnejn u tmenin Euro u sebgha u disghin centezmu (€14,682.97) oltre l-imghax u l-ispejjez u dan ghar-ragunijiet kontenuti fl-imsemmija sentenza ;*

*Illi onostante illi s-socjeta' intimata giet interpellata bosta drabi wara s-sentenza definittiva sabiex thallas l-ammont dovut lis-socjeta' rikorrenti hija baqghet ghal kollox inadempjenti ;*

*Illi s-socjeta' rikorrenti kienet ipprezentat mandat ta' sekwestru ezekuttiv bin-numru 383/2009 [kopja annessa u mmarkata DOK GP2] fit-3 ta' Marzu 2009, izda sal-lum, is-socjeta' intimata xorta wahda baqghet ma hallsitx l-ammont dovut lis-socjeta' rikorrenti ;*

*Illi peress illi ghaddew iktar minn erbgha u ghoxrin (24) gimgha mill-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv fuq irreferut ghalih, is-socjeta' intimata m'hijiex f'posizzjoni li thallas id-djun taghha u dan a tenur tal-Artiklu 214(5)(a) tal-Att dwar il-Kumpanniji ;*

*Illi ghaldaqstant u ghar-ragunijiet suesposti, is-socjeta' rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex :*

*1. Tahtar fil-mori ta' dawn il-proceduri amministratur provvizorju sabiex jamministra l-affarijiet tas-socjeta' intimata u dan taht u skond id-disposizzjonijiet kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha opportun li taghti ;*

*2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kumpannija intimata mhijiex f'qaghda li thallas id-djun taghha u konsegwentement tordna x-xoljiment u stralc konsegwenzjali tal-istess kumpannija intimata a tenur tal-Artiklu 214(2)(a)(ii) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Att XXV tal-1995) ;*

*3. Taghti kull provvediment opportun sabiex jinhatar l-istralcjarju u jigi kondott l-istralc konsegwenzjali skond id-*

*disposizzjonijiet tal-att dwar il-Kumpanniji (Att XXV tal-1995) ;*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata.*

**Rat** id-dokumenti li kienu esebiti flimkien mal-istess rikors.

**Rat** ir-risposta (mahlufa minn Geoffrey Farrugia) tal-kumpannija Smart Malta ICT Limited ('l-intimata') presentata fit-8 ta' Jannar 2010 li taqra hekk –

*1. Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta' attrici ma aderixxietx ma' dak li jistipula l-artikolu 214(5)(a) tal-Kap.386, u m'huwiex minnu li s-socjeta' attrici intavolat mandat esekuttiv wara s-sentenza kif tistipula b'mod tassattiv il-ligi, u ghalhekk il-proceduri odjerni kontra s-socjeta' intimata huma rriti u nulli u ma hemm ebda mod li jistghu jigi sanati stante l-fatt li s-socjeta' attrici ma zammitx 'ad unuguem' ma dak li tistipula l-ligi stess.*

*2. Illi bla pregudizzju ghal dak suespost, it-talbiet attrici huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif jigi spjegat tul is-smigh tal-kawza.*

*3. Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.*

**Rat** il-lista tax-xhieda indikati mill-intimata.

**Qieset** il-provi li tressqu.

**Rat** l-atti tal-kawza.

**Rat** id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-4 ta' Marzu 2010 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidrat -**

Din hija kawza fejn qed issir talba lil din il-Qorti sabiex tordna x-xoljiment u stralc konsegwenzjali tal-intimata skond l-Art.214 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-talba qed issir mir-rikorrenti bhala kreditur.

Fil-paragrafu (a) tal-subartiklu (2) tal-Art. 214, il-ligi tghid liema huma c-cirkostanzi fejn il-Qorti ***tista'*** xxolji kumpannija u tordna l-istralc taghha.

F'dan il-kuntest, ir-rikorrenti qed tibbaza t-talba taghha fuq is-subinciz (ii) tal-imsemmi paragrafu (a).

Is-subinciz (ii) ighid li kumpannija tista' tigi xjolta u stalcjata mill-Qorti –

… *jekk il-kumpannija ma tkunx tista' thallas id-djun taghha.*

Art. 214(5) jistabilixxi meta kumpannija titqies li ma tkunx tista' thallas id-djun taghha ghall-finijiet tal-Art.214(2)(a)(ii).

Is-subartikolu (5) ghandu zewg subparagrafi.

Is-subparagrafu (a) huwa dak rilevanti ghall-mertu ta' din il-kawza u jghid hekk –

*jekk id-dejn dovut mill-kumpannija jkun baqa' ma thallasx ghal kollox jew f'parti wara erbgha u ghoxrin gimgha mill-ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv kontra l-kumpannija b'xi wiehed mill-atti ezekuttivi msemmijin fl-artikolu 273 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

**Ikkunsidrat –**

Mill-atti processwali, jirrizulta hekk –

1) Ir-rikorrenti kienet dikjarata kreditrici tal-intimata permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tal-14 ta' Jannar 2009 (DOK GP1) [*fol.*3].

2) Din is-sentenza ghaddiet in gudikat tant li fit-3 ta' Marzu 2009 ir-rikorrenti ppresentat mandat ta' sekwestru ezekuttiv kontra l-intimata (DOK GP2) [*fol.6*].

3) Jirrizulta mir-referti a *fol.10* li l-att ezekuttiv kien notifikat lis-sekwestratarji fl-4 ta’ Marzu 2010.

4) Ma jirrizultax li l-intimata kienet notifikata bil-mandat ta’ sekwestru esekuttiv.

5) Jirrizulta li l-kreditu ghadu sal-lum dovut kollu.

**Ikkunsidrat –**

Ghal din il-Qorti, l-Art.214(5)(a) huwa car. Li huwa rilevanti ghall-applikazzjoni tieghu hija *l-ezekuzzjoni ta’ titolu ezekuttiv* mhux in-notifika tat-titolu ezekuttiv, fil-kaz tal-lum il-mandat ta’ sekwestru, lill-intimata bhala debitur. Ghalhekk iz-zmien ta’ *erbgha u ghoxrin gimgha* beda jiskatta mid-data li fiha l-mandat kien ezegwit f’idejn is-sekwestratarji.

Ghalhekk mhix difiza valida dik tal-intimata meta tghid li *m’huwiex minnu li s-socjeta’ attrici intavolat mandat esekuttiv wara s-sentenza.* Irrizulta infatti l-maqlub ta’ dak li kien jinghad mill-kumpannija intimata. Il-fatt li forsi ma kenitx taf bil-mandat ta’ sekwestru b’ebda mod ma jfisser li *l-proceduri odjerni kontra s-socjeta’ intimata huma rriti u nulli* ghaliex ir-rikorrenti osservat il-vot tal-Art.214(5)(a) u ghalhekk ma hemm xejn xi jigi sanat mir-rikorrenti.

Jibqa’ l-fatt izda li, wara li kienet notifikata bl-atti tal-procedura odjerna, l-intimata setghet gharblet id-dokumenti li kienu annessi mar-rikors promotur u li kienet notifikata bihom u rregolat ruhha, jekk xejn, sabiex twassal lil din il-Qorti li ma tezercitax id-diskrezzjoni taghha li xxolji l-kumpannija intimata u tordna l-istralc taghha.

*Eppure* l-intimata baqghet inadempjenti.

Ghaldaqstant din il-Qorti hija sodisfatta li rrizultaw l-elementi kollha li trid il-ligi ghax-xoljiment u stralc tal-kumpannija intimata skond l-Art.214(2)(a)(ii) tal-Kap.386.

**Ghar-ragunijiet kollha fuq premessi, din il-Qorti hekk tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti –**

**1. Tghid illi l-kumpannija intimata Smart Malta ICT Ltd. (C-41884) ma tistax thallas id-djun taghha ghall-fini tal-Art.214(2)(a)(ii) u Art. 214(5)(a) tal-Kap. 386.**

**2. Tordna x-xoljiment tal-kumpannija intimata b'effett mil-lum kif ighid il-*proviso* tal-Art. 223(1) tal-Kap.386 u tordna wkoll l-istralc taghha.**

**3. Tahtar lill-Ufficjal Ricevitur bhala stralcjarju bis-setghat u d-dmirijiet kollha skond l-Art. 228 *et seq* tal-Kap. 386 b'dan illi l-istralcjarju ghandu wkoll, bla hsara ghall-generalita' ta' dawk is-setghat u dmirijiet –**

**(a) wara li jikseb dikjarazzjoni fuq il-qaghda tal-kumpannija intimata kif irid l-Art. 226 tal-Kap. 386 jaghmel rapport lill-Qorti kif irid l-Art. 227 tal-Kap. 386;**

**(b) jaghmel verifika dwar l-assi u d-djun tal-intimata u dwar il-gradwazzjoni tad-djun;**

**(c) jiehu taht il-kustodja jew kontroll tieghu l-assi kollha tal-kumpannija intimata kif ighid u jrid l-Art. 237 tal-Kap. 386;**

**(d) jaghmel jew jiddefendi kull azzjoni jew procediment legali iehor fl-isem u fl-interess tal-kumpannija intimata;**

**(e) jirrelata dwar il-mizuri mehtiega ghall-harsien tal-assi tal- kumpannija intimata;**

**(f) jipprezenta r-rapport tieghu mhux aktar tard minn tliet (3) xhur mil-lum.**

**L-ispejjes ta' din l-istanza thallashom l-kumpannija intimata.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------